



Kunsill Ewropew

Brussell, 27 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

EUCO 14/23

CO EUR 11
CONCL 5

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (26 u 27 ta' Ottubru 2023) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU, u jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-Unjoni Ewropea għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha u għad-dritt inerenti tagħha li tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni Russa.
2. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi appoġġ finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku b'saħħtu lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn.
3. B'mod partikolari, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jipprovdu appoġġ militari sostenibbli lill-Ukrajna, l-aktar permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi u l-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE, kif ukoll permezz ta' assistenza bilaterali mill-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-isforzi tal-Istati Membri u, fit-terminu immedjat, il-ħtieġa li jaċċelleraw l-għoti ta' appoġġ militari lill-Ukrajna biex jgħinu sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet militari u ta' difiża urġenti tagħha, inkluż missili u munizzjon, b'mod partikolari fi ħdan l-inizjattiva ta' miljun balla ta' munizzjon tal-artillerija, kif ukoll sistemi ta' difiża tal-ajru biex tiproteġi l-poplu tagħha u l-infrastruttura kritika u tal-enerġija tagħha.

Fuq terminu itwal, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ser jikkontribwixxu, flimkien mas-sħab, għal impenji futuri ta' sigurtà għall-Ukrajna, li ser jgħinu lill-Ukrajna tiddefendi lilha nnifisha, tirreżisti l-isforzi ta' destabilizzazzjoni u tiskoraġġixxi atti ta' aggressjoni fil-futur. Il-Kunsill Ewropew jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex, abbażi ta' qafas li jiġi approvat mill-Kunsill, jikkonsulta mal-Ukrajna dwar l-impenji futuri tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u biex jirrapporta lura dwar dawk id-diskussjonijiet fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Diċembru.

L-appoġġ militari u l-impenji ta' sigurtà ser jiġu pprovduti b'rispett sħiħ tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri, u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.

4. Fid-dawl tal-attakki kontinwi Russi fuq l-infrastruttura ċivili u kritika tal-Ukrajna, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser jintensifikaw l-għoti ta' assistenza umanitarja u tal-protezzjoni ċivili lill-Ukrajna, inkluż tagħmir bħal ġeneraturi tal-enerġija, transformers tal-elettriku, stazzjonijiet tat-tisħin mobbli, u tagħmir ta' vultaġġ għoli u tad-dawl, bħala għajnuna lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha biex jiffaċċaw xitwa oħra fil-gwerra.
5. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu bl-isforzi ta' kuntatti diplomatiċi intensifikati tagħhom u bil-kooperazzjoni mal-Ukrajna u pajjiżi oħra biex jiġi żgurat l-appoġġ internazzjonali l-aktar wiesa' possibbli għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema u għall-prinċipji u l-oġettivi ewlenin tal-Formula ta' Paċi Ukrena, bil-ħsieb li jinżamm Summit Dinji dwar il-Paċi.
6. Ir-Russja hija responsabbli għall-ħsara enormi kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Huwa meħtieġ progress deċiżiv, f'koordinazzjoni mas-sħab, dwar kif kwalunkwe dħul straordinarju miżmum minn entitajiet privati li jirriżulta direttament mill-assi immobilizzati tar-Russja jista' jiġi dirett biex jappoġġa l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, konsistenti mal-obbligi kuntrattwali applikabbli, u f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jħaffu l-ħidma bil-ħsieb li jippreżentaw proposti. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa, f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, ir-riparazzjoni, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, inkluż il-proċess ta' tneħħija tal-mini. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu tal-Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi li saret f'Zagreb fil-11 u t-12 ta' Ottubru 2023 dwar it-tneħħija tal-mini fl-Ukrajna għal skopijiet umanitarji, li jinkludi appoġġ għal governanza effiċjenti tal-azzjoni kontra l-mini.

7. Ir-Russja u t-tmexxija tagħha jridu jinżammu kompletament responsabbli għal gwerra ta' aggressjoni li qed tmexxi kontra l-Ukrajna u delitti oħra l-aktar serji skont id-dritt internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jappella biex titkompla l-ħidma, inkluż fil-Grupp Prinċipali, fl-isforzi biex jiġi stabbilit tribunal għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna li jgawdi l-akbar appoġġ u leġittimità transreġjonali, u għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kumpens futur. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-ħidma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u jikkundanna t-tentattivi Russi biex idgħajfu l-mandat u l-funzjonament internazzjonali tagħha.
8. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bl-aktar mod qawwi d-deportazzjoni u t-trasferiment illegali tar-Russja ta' tfal u persuni ċivili Ukreni oħra lejn ir-Russja u l-Belarussja, u jhegġegħ lir-Russja u lill-Belarussja biex jiżguraw minnufih ir-ritorn sikur tagħhom.
9. Il-kapaċità tar-Russja li twettaq il-gwerra ta' aggressjoni tagħha jeħtieġ tkompli tiddgħajjef, inkluż billi jkomplu jissaħħu s-sanzjonijiet, u permezz tal-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom u l-prevenzjoni ta' ċirkomvenzjoni tagħhom, speċjalment għal oġġetti b'riskju għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab u l-alleati. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-appoġġ militari li qed jibqa' jingħata mill-Iran u l-Belarussja għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Huwa jhegġegħ ukoll lill-pajjiżi kollha, partikolarment lir-RDPK biex ma tipprovdux materjal jew appoġġ ieħor għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. L-Unjoni Ewropea ser tintensifika l-ħidma tagħha mas-sħab biex tiġġieled in-narrattivi foloz u d-diżinformazzjoni tar-Russja dwar il-gwerra.
10. L-Unjoni Ewropea hija diżappuntata ħafna li l-parlament Russu għadda liġi biex jirtira r-ratifika mill-Federazzjoni Russa tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBT).

11. Id-deċiżjoni unilaterali tar-Russja li ttemm l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali u l-attakki intenzjonati tagħha fuq il-faċilitajiet ta' ħżin u esportazzjoni taċ-ċereali tal-Ukrajna, kif ukoll l-azzjonijiet min-naħa tagħha biex tfixkel il-libertà ta' navigazzjoni fil-Baħar l-Iswed, juru li r-Russja qed tkompli tuża l-ikel bħala arma u ddgħajfef is-sigurtà dinjija tal-ikel. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza tas-sigurtà u l-istabbiltà fil-Baħar l-Iswed, li huma vitali għall-esportazzjonijiet taċ-ċereali. Huwa jappoġġa l-isforzi kollha, inkluż dawk tan-NU, biex jiġu ffaċilitati l-esportazzjonijiet taċ-ċereali u prodotti agrikoli oħra tal-Ukrajna lejn il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, b'mod partikolari l-Afrika u l-Lvant Nofsani. Il-Kunsill Ewropew jappella biex tkompli tissaħħaħ il-kapaċità tal-Korsiji ta' Solidarjetà tal-UE biex jiġu ffaċilitati t-tranżitu u l-esportazzjoni lejn dawn il-pajjiżi u jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri ġodda għal dak l-għan.
12. Il-Kunsill Ewropew jilqa' pożittivament l-estensjoni sa Marzu 2025 tal-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa l-persuni spostati, kemm fl-Ukrajna kif ukoll fl-Unjoni Ewropea, inkluż permezz ta' assistenza finanzjarja adegwata u flessibbli lill-Istati Membri li jgħorru l-akbar piż tal-kostijiet mediċi, tal-edukazzjoni u tal-ġhajxien tar-refuġjati.
13. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa lir-Repubblika tal-Moldova fl-indirizzar tal-isfidi li qed tiffaċċa konsegwenza tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.
14. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Georgia u tappoġġa l-isforzi ta' riforma tagħhom fil-mixjiet Ewropej tagħhom.

II. LVANT NOFSANI

15. Filwaqt li jafferma mill-ġdid id-Dikjarazzjoni tal-Membri tiegħu tal-15 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna tiegħu bl-aktar mod qawwi possibbli tal-Ħamas għall-attakki terroristiċi brutali u indiskriminati tiegħu madwar Iżrael. L-użu ta' persuni ċivili bħala tarki umani mill-Ħamas huwa atrocità partikolarment deplorevoli.

Il-Kunsill Ewropew jenfasizza b'mod qawwi d-dritt ta' Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu f'konformità mad-dritt internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali. Itenni l-appell tiegħu lill-Ħamas biex jeħles minnufih lill-ostaġġi kollha mingħajr ebda prekundizzjoni.

Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili kollha f'kull ħin u kull mument f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali. Jiddeplora kull telf ta' ħajja tal-popolazzjoni ċivili.

Il-Kunsill Ewropew irrieżamina s-sitwazzjoni attwali u s-segwitu għal-linji ta' azzjoni differenti, inkluż sforzi konġunti ta' assistenza lil ċittadini tal-UE.

16. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib l-aktar serju tiegħu għas-sitwazzjoni umanitarja li sejra għall-aġar f'Gaza u jappella għal aċċess umanitarju kontinwu, rapidu, sikur u mingħajr xkiel u għajjuna biex jintlaħqu dawk fil-bżonn permezz tal-miżuri kollha meħtieġa inkluż kurituri u pawżi umanitarji għal ħtiġijiet umanitarji. L-Unjoni Ewropea ser taħdem mill-qrib mas-sħab fir-reġjun biex tipproteġi l-popolazzjoni ċivili, tipprovdi assistenza u tiffaċilita l-aċċess għall-ikel, l-ilma, il-kura medika, il-fjuwil u l-kenn, filwaqt li tiżgura li tali assistenza ma tiġix abbużata minn organizzazzjonijiet terroristiċi.
17. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-ħtieġa li tiġi evitata eskalazzjoni reġjonali u li jkun hemm involviment mas-sħab f'dan ir-rigward inkluż mal-Awtorità Palestinjana.
18. L-Unjoni Ewropea hija lesta tikkontribwixxi biex jerġa' jingħata l-ħajja proċess politiku abbażi tas-soluzzjoni ta' żewġ stati, inkluż permezz tal-Isforz ta' Jum il-Paċi, u tilqa' inizjattivi diplomatiċi għall-paċi u s-sigurtà u tappoġġa ż-żamma ta' konferenza internazzjonali għall-paċi malajr kemm jista' jkun.
19. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tixrid tad-diżinformazzjoni u ta' kontenut illegali, u jenfasizza r-responsabbiltà legali tal-pjattaformi f'dan il-kuntest.

III. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2021-2027

20. Wara l-iskambju ta' fehmiet approfondit tiegħu dwar ir-reviżjoni proposta tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil ġenerali sal-aħħar tas-sena.

IV. EKONOMIJA

21. Quddiem sfidi dejjem aktar kumplessi, inkluż xenarju demografiku li qed jinbidel u kompetizzjoni dinjija li qed tikber, l-Unjoni Ewropea teħtieġ bażi ekonomika b'saħħitha li tiżgura l-kompetittività fit-tul tagħha u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kemm internament kif ukoll fil-livell dinji, b'Suq Uniku li jiffunzjona bis-sħiħ u l-erba' libertajiet tiegħu fil-qalba tagħha. Jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea ssaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tagħha u tqawwi r-reżiljenza ekonomika, il-konnettività sigura, l-aċċess għas-suq dinji u l-produttività tagħha, biex tikseb awtonomija strateġika waqt li tippreserva ekonomija miftuħa.

Fil-valutazzjoni tal-progress miksub sa issa, il-Kunsill Ewropew issottolinja l-hteġa li titħaffef il-ħidma dwar:

- a) l-iżvilupp tal-vantaġġ kompetittiv tal-UE fit-teknoloġiji diġitali u nodfa, inkluż billi tiffoka fuq l-innovazzjoni, ir-riċerka, l-edukazzjoni u l-ħiliet;
- b) l-iżgurar ta' provvista suffiċjenti ta' enerġija nadifa u affordabbli;
- c) it-tnaqqis tad-dipendenzi kritiċi ewlenin u d-diversifikazzjoni tal-ktajjen ta' provvista permezz ta' sħubijiet strateġiċi;
- d) it-trawwim tat-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ċirkolari; u
- e) it-tnaqqis tal-piż regolatorju.

22. Il-Kunsill Ewropew:

- a) jistieden lill-koleġiżlaturi jilhqg ftehim fil-pront dwar l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u r-riforma tad-disinn tas-suq tal-elettriku;
- b) jappella għal segwitu rapidu għall-komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar l-indirizzar tal-iskarsezzi tal-mediċini fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li jiġi żgurat aċċess aħjar għall-mediċini u settur farmaċewtiku innovattiv u kompetittiv;
- c) jappella li tinbeda l-ħidma fuq valutazzjonijiet tar-riskju konġunti, fid-dawl tar-rakkomandazzjoni dwar oqsma kritiċi tat-teknoloġija;
- d) jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jtejb u l-kundizzjonijiet qafas għall-investment, inkluż permezz ta' qafas regolatorju komuni, ċar u koerenti u ambjent tan-negozju li jwasslu aktar għall-kompetittività. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-istituzzjonijiet rilevanti kollha sabiex imexxu 'l quddiem il-ħidma biex tiġi ssimplifikata r-regolamentazzjoni u jitnaqqas il-piż amministrattiv bla bżonn, inkluż ir-rekwiżiti ta' rappurtar, b'mod partikolari għall-SMEs u n-negozji l-ġodda. Jappella wkoll lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti addizzjonali f'dan ir-rigward, filwaqt li taħtaf l-opportunitajiet tal-ekonomija tad-data u tad-data tan-negozju standardizzata;
- e) jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma fuq l-indirizzar tal-effetti distorsivi tat-tariffi u s-sussidji minn atturi globali biex jiġi żgurat kundizzjonijiet ekwivalenti globali. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni taħdem b'mod intensiv biex ittaffi l-elementi problematiċi u diskriminatorji tal-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni (IRA) tal-Istati Uniti, inkluż billi tiżgura li l-Unjoni Ewropea tingħata l-istatus ekwivalenti ta' sieħeb ta' ftehim ta' kummerċ ħieles skont id-dispożizzjonijiet tal-IRA;
- f) jistieden lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi jlestu l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Frar u tat-23 ta' Marzu 2023 u jadottaw aktar miżuri li jitqiesu meħtieġa biex jissaħħu l-kompetittività u l-attrazzjoni tal-UE għall-investment;

- g) ifakkar fl-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Kunsill dwar l-impatt tal-politika dwar l-għajnuna mill-Istat fuq l-integrità tas-Suq Uniku kif ukoll fuq il-kompetittività dinjija tal-UE; u
- h) jistieden lill-Kunsill biex javvanza fil-ħidma fuq ir-Rieżami tal-Governanza Ekonomika, bil-ħsieb li tiġi konkluża l-ħidma leġiżlattiva fl-2023.

V. MIGRAZZJONI U AFFARIJET OĦRA

- 23. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar il-migrazzjoni u ħa nota tal-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni.
- 24. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-attakki terroristiċi reċenti fi Franza u l-Belġju fejn inqatlu u ndarbu nazzjonali Żvediżi u Françizi. L-Unjoni Ewropea tinsab magħquda u soda fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-mibegħda u l-estremiżmu vjolenti ta' kull tip. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri biex jimpenjaw ruħhom fi sforzi konġunti biex jiġu mmobilizzati l-oqsma ta' politika rilevanti kollha fil-livell nazzjonali u dak tal-UE biex tissaħħaħ is-sigurtà interna, inkluż billi jittejbu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-iskambju ta' informazzjoni permezz tal-użu sħiħ tal-bażijiet ta' data rilevanti, il-ħarsien tal-fruntieri esterni, il-ġlieda kontra l-faċilitaturi ta' dħul klandestin u l-kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi.
- 25. Il-Kunsill Ewropew jagħti l-kondoljanzi l-aktar sinċiera tiegħu lill-vittmi tad-diżastri naturali reċenti u l-eventi ta' temp estrem fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi terzi, u jesprimi solidarjetà magħhom.

26. Iż-żieda fil-frekwenza u fl-intensità ta' eventi ta' temp estrem jenfasizzaw l-urġenza tar-rispons dinji għall-emerġenza klimatika. L-isforzi ta' adattament għat-tibdil fil-klima u ta' mitigazzjoni tiegħu huma kruċjali għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet tal-UE. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 u s-17 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill Ewropew evalwa t-tnejn għall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2023 f'Dubai (COP28) u jappella għal aktar azzjoni u ambizzjoni flivell dinji¹. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-akbar appoġġ għall-Wegħda Globali għall-Enerġija Rinnovabbli u l-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija li għandha titressaq mill-Unjoni Ewropea fil-COP28.
27. Fid-dawl tal-ħsara lill-infrastruttura kritika fil-Baħar Baltiku kkawżata minn attività esterna, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa għal miżuri effettivi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u tiġi żgurata s-sigurtà tal-infrastruttura kritika. Huwa jissottolinja wkoll l-importanza ta' approċċ komprensiv u kkoordinat għat-tnejn u r-rispons għall-kriżijiet tal-Unjoni Ewropea, li jiżgura li s-setturi kollha jikkontribwixxu għal approċċ li jkopri l-perikli kollha.

¹ filwaqt li jenfasizza li, f'konformità mar-rapporti mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, il-limitazzjoni tat-tisħin għal madwar 1.5°C tirrikjedi li l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra jilhqqu l-quċċata tagħhom sa mhux aktar tard minn qabel l-2025.

28. Il-Kunsill Ewropew huwa mħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà fit-Tramuntana tal-Kosovo*. Huwa jikkundanna bil-qawwa l-attakk vjolenti kontra l-Pulizija tal-Kosovo fl-24 ta' Settembru 2023. L-Unjoni Ewropea tistenna li l-awturi jinqabdu u jitressqu malajr quddiem il-ġustizzja u li s-Serbja tikkoopera bis-sħiħ u tiegħu l-passi kollha meħtieġa f'dan ir-rigward. Il-Kosovo u s-Serbja jeħtieġ li jkomplu bl-isforzi sostnuti għat-tnaqqis tat-tensjoni, kif ukoll jiżguraw l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet ġodda fit-Tramuntana tal-Kosovo malajr kemm jista' jkun, bil-parteċipazzjoni attiva tas-Serbi tal-Kosovo. Jekk it-tensjonijiet ma jitnaqqsux ser ikun hemm konsegwenzi. Il-Kunsill Ewropew jiddispjaċih għan-nuqqas ta' implimentazzjoni miż-żewġ Partijiet tal-Ftehim dwar il-perkors għan-normalizzazzjoni u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu kif ukoll ta' ftehimiet oħra milħuqa fid-djalogu ffaċilitat mill-UE, immexxija mir-Rappreżentant Għoli u appoġġati mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE. Jappella lill-Kosovo u lis-Serbja biex jimplimentawhom, mingħajr dewmien jew prekondizzjonijiet. Dan jinkludi l-istabbiliment tal-Assoċjazzjoni/il-Komunità tal-Muniċipalitajiet b'maġġoranza Serba. In-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet hija kundizzjoni essenzjali fil-mixja Ewropea taż-żewġ Partijiet u t-tnejn jirriskjaw li jitilfu opportunitajiet importanti jekk ma jsirx progress.
29. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Balkani tal-Punent u tappoġġa l-isforzi ta' riforma tagħhom fil-mixjiet Ewropej tagħhom.
30. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-appoġġ bla heda tiegħu għall-promozzjoni ta' paċi sostenibbli u dejjiema bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan ibbażata fuq il-prinċipji tar-rikonoxximent tas-sovrani, l-involabbiltà tal-fruntieri u l-integrità territorjali. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati d-drittijiet u s-sigurtà tal-Armeni tal-Karabakh inkluż dawk li jixtiequ jirritornaw lejn djarhom. Huwa jappoġġa l-proċess ta' normalizzazzjoni ta' Brussell u jappella lill-Partijiet jimpenjaw rwieġhom bona fide u jiffinalizzaw dan il-proċess sa tmiem din is-sena.
31. Il-Kunsill Ewropew jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw għażliet dwar kif l-aħjar jissaħħu r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Armenja fid-dimensjonijiet kollha tagħhom.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

32. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar is-sitwazzjoni fis-Saħel. Huwa jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-deterjorament kontinwu tas-sitwazzjoni tas-sigurtà u umanitarja fis-Saħel, aggravata mill-instabbiltà politika. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li l-istabbiltà tas-Saħel u r-reġjun usa', inkluż l-istati kostali ġirien, hija kruċjali għas-sigurtà u l-prosperità tal-persuni li jgħixu fis-Saħel kif ukoll għall-UE. L-Unjoni Ewropea ser tibqa' impenjata b'appoġġ għall-ECOWAS u mas-sħab ewlenin fir-reġjun. Il-Kunsill Ewropew jistieden l-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw għażliet għall-adattament tal-azzjoni tal-UE u l-istrumenti rilevanti għas-sitwazzjoni attwali fir-reġjun. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-ħelsien immedjat tal-President Bazoum u l-familja tiegħu.
-